**122. Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici jipproponi:**

Illi r-Rappreżentanti tal-Poplu Malti u Għawdxi msejħa f'laqgħa apposta tal-Kamra tad-Deputati:

Juru s-sobgħa tagħhom dwar l-aħbarijiet li l-Gvern Amerikan qed iħejji biex jagħmel attakk militari fuq il-Libja bl-iskuża li jfarrak fabbrika li huwa jgħid tagħmel il-gass velenuż u bombi kimiċi;

Jinnotaw li l-Gvern Libjan ċaħad dan u wera ruħu lest li jilqa' min imur jifli x'isir fil-fabbrika msemmija;

Jirrijaffermaw il-prinċipju li ebda pajjiż, b'saħħtu kemm hu b'saħħtu, m'għandu jhedded li jagħmel attakk militari fuq pajjiż ieħor biex iġagħlu joqgħod għar-rieda tiegħu;

Jifhmu li attakk militari Amerikan ieħor fuq il-Libja jagħmel ħsara kbira lill-Poplu tagħna u lill-paċi fin-nofs tal-Mediterran u ħa jkun ta' ntopp għall-proċess ta' paċifikazzjoni fir-reġjun.

Għaldaqstant:-

a) jaqtgħu li l-kwistjoni għandha titqajjem minnufih fil-Kunsill tas-Sigurtà tal-Gvern ħalli l-Kunsill iwaqqaf dan l-att ta' aggressjoni u jaħtar nies tekniċi li jmorru jiflu xi jsir fil-fabbrika msemmija fil-Libja ji jirraportaw lura lill-Kunsill tas-Sigurtà;

b) jappellaw lill-pajjiżi tal-Mediterran jagħmlu li jistgħu ħalli jrażżnu lill-Gvern Amerikan u jaħdmu ħalli din il-kwistjoni titressaq minnufih quddiem il-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda, biex titwarrab it-theddida serja għall-Paċi fin-Nofs tal-Mediterran.

26.12.1988